# It-Titular tal-Knisja Ta' Bir Miftuħ

kitba ta' Vincent ZAMMIT

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-diversi karatteristiċi tagħna l-Maltin, għandu jinduna li waħda mill-aktar li tispikka hija dik tar-reliġjon. Minħabba li r-reliġjon tagħna hija dik Nisranija, allura mingħajr ma trid ikollok tinnota li din mhux sempliċement hija reliġjon li ġiet imdaħħla f'fostna ftit tas-snin ilu, iżda ilha magħna għal diversi sekli. Din ir-reliġjon saret parti mill-karattru Malti, u ilha hekk għal sekli sħaħ, minħabba li niltaqgħu ma' ismijiet personali li juru d-dettal; niltaqgħu ma' ismijiet ta' postijiet ukoll; u niltaqgħu ma' diversi bini li huwa l-qofol tal-karattru mibni ta' Malta. In-numru kbir ta' knejjes li hawn fostna huwa eżempju ħaj ta' kif ir-reliġjon minn dejjem kienet tifforma parti mill-ħajja ta' kuljum tagħna l-Maltin.

Waħda mill-knejjes antiki li nsibu fil-għejjer tagħna hija dik ta' Bir Miftuħ, li hemm fil-limiti tal-Gudja. Din il-knisja hija imdaqqsa, iżda minħabba li hija tinsab 'il bogħod miċ-ċentru tar-raħal, allura kienet prattikament abbandunata, u nbniet parroċċa aktar fiċ-ċentru ta' l-istess raħal. Kien minħabba f'hekk li l-istess struttura tal-knisja, kif ukoll uħud mill-istess dettalji artistiċi tħallew hemm.

Il-kwadru li naraw illum huwa antik, iżda m'hemmx wisq informazzjoni dwaru. Huwa maqsum f'żewġ partijiet, u fil-fatt dan it-tqassim mhuwiex biss minħabba l-mod ta' kif ġie mpinġi l-kwadru. Iżda, il-parti ta' fuq nett hija maqtugħa għaliha, u ġiet maħduma fuq biċċa oħra apparti. Iżda bħala pittura, il-kwadru huwa maqsum fi tliet partijiet, dak li għandu x'jaqsam mas-suġġett. Għandek fuq nett, fejn hemm muri l-Missier Etern, imbagħad aktar l-isfel u fiċ-ċentru tal-kwadru hemm il-Madonna, u bil-wieqfa, isfel nett, hemm żewġ qaddisin irġiel.

Jekk nibdew minn isfel naraw lil San Pietru u lil San Pawl. Mill-ewwel nistgħu ngħarfu dawn iż-żewġ qaddisin mill-istess simboli li għandhom konnessi magħhom. San Pietru huwa dak li hemm fuq ix-xellug tal-kwadru. F'idu l-leminija għandu l-imfietaħ, li nafu li huma dejjem marbuta ma' San Pietru. Dan id-dettal ta' l-imfietaħ jinsab imniżżel fil-Vanġelu ta' San Mattew (16: 15ff). F'idu l-oħra għandu ktieb[1]. Ħarstu tidher imdawwra lejn il-Madonna u Ġesù. San Pawl jinsab bil-wieqfa, bix-xabla f'idu[2], u bil-ktieb ukoll[3]. Huwa jinsab iħares lejn l-udjenza. Fuq kollox, dan huwa San Pawl, li nirreferu għalih bħala missier il-Maltin, spiritwalment, u għalhekk qiegħed iħares lejn il-Maltin li kienu jmorru jitolbu f'dik il-knisja.



Il-kappella ta' Bir Miftuħ, limiti tal-Gudja.

Fin-nofs tal-kwadru hemm imbagħad il-Madonna b'Ġesù fuq ħoġorha. Il-figura tal-Madonna hija murija qegħda tħares l-isfel, kif ukoll Ġesù. Fl-istess ħin, l-id ix-xellugija ta' Ġesù hija merfugħa 'il fuq bħala sinjal ta' benedizzjoni. Minħabba li l-ħarsa kemm tal-Madonna kif ukoll ta' Ġesù qegħda l-isfel, u bejn iż-żewġ qaddisin hemm il-kampanja, wieħed jista' jifhem li din il-benedizzjoni ta' Ġesù hija lejn l-art li hemm impinpija. Minn kif inhu



It-titular tal-kappella ta' Bir Miftuħ – xi wħud jgħidu li hu xogħol ta' Timideo della Vita, oħrajn isostnu li tpitter lejn l-aħħar nofs is-seklu sittax.

t-territorju mpinġi, kemm minħabba s-siġar kif ukoll minħabb il-muntanji, dan mhuwiex xenarju Malti. Il-parti ta' fuq tal-kwadru, hemm imbagħad il-Missier Etern li jinsab bil-qegħda, u f'idejh għandu Kurċifiss, bil-figura ta' Kristu nkluża wkoll.

L-awtrur ta' dan il-kwadru mhuwiex magħruf, iżda esperti ta' l-arti jgħidu li dan sar fit-tieni nofs tas-seklu sittax[4]. Jidher ukoll li l-artist ma kienx xi wieħed tajjeb ħafna, u kif jiddeskrivuh kritiċi ta' l-arti, kien provinċjali fit-teknika tiegħu. Iżda tajjeb li ngħidu wkoll, li f'dak il-perijodu l-gżejjer Maltin, speċjalment il-Maltin[5], ma tantx kellhom flus x'jonfqu ħalli jkun hemm xogħlijiet ta' artisti tajbin, fis-sekli ta' wara beda jkollna aktar xogħlijiet li kienu jsiru minn artisti ta' kwalitajiet differenti.

***Noti:***

1 *Il-ktieb bħala simbolu nsibuh użat fl-arti għal diversi qaddisin. Fil-biċċa l-kbira tagħhom dan qiegħed jirreferi għall-fatt li jew dawn il-qaddisin ikunu magħrufa għall-kitba tagħhom, inkella minħabba l-għerf tagħhom.*

2 *Ix-xabla f'idejn San Pawl hija bħala simbolu ta' l-istrument tal-martirju tiegħu. Minħabba li San Pawl kien ċittadin Ruman, dan ma setgħax jinqatel billi jissallab, iżda li jkollu rasu maqtugħa.*

3 *Fil-każ ta' San Pawl il-ktieb huwa assoċjat mal-fatt li l-qaddis nafu kemm kiteb ittri lil diversi komunitajiet Insara ta' żmienu.*

4 *Mario Buhagiar,* ***The Iconography of the Maltese Islands 1400 - 1900: Painting****, 1988, p. 38.*

5 *Nistgħu nagħmlu parentesi żgħira hawnhekk, u nsemmu li l-Kavallieri ma kienux joqogħdu lura biex iqabbdu l-aħjar artisti, u fejn setgħu anke l-Katidral ta' Malta għamel l-istess.*


CIAPELLA MOTORS

For anything LandRover



Mosta Tel: 21 414441 - Fax: 21 416837
Mġarr Tel: 21 574615 - Fax: 21 572504



ZAMMIT ANTIQUES

DEALERS & RESTORERS

Tel: 2141 9420
Mob: 9942 7126
7925 4648

30, Triq il-Kurat Schembri,
Mosta
*(off Constitution Street from Ta' Marija Restaurant)*